# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 133/2016**

Il-Pulizija

vs

**Carmel Muscat**

Iben Giuseppe, imwiled fl-24 ta' April, 1952detentur tal-karta ta' l-identita' numru 378752(M)

Illum, 27 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-7 ta' Mejju, 2013 għal ħabta ta' 06.15 ġewwa Triq il-Fuħħar, L-Imġarr, Malta :-

(a) Saq vettura bin-numru FBL-403 b'manjera (a) traskurata (b) perikoluża (c) u bla kont;

(b) Naqas li jieqaf meta kien hemm sinjal li jindika "Stop";

(c) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Jason Bilocca;

(d) B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Nikita Farrugia skont kif ċertifikat minn Dr. Thomas Armatys M.D. Reg. 2788 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzi kollha tas-sewqan għal perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Marzu, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 30, 31, 226(1)(a), 328(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolament 2 tal-Avviż Legali 94 ta' l-1969 (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05) tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikolu 55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta filwaqt li ddikjarat lil **Carmel Muscat** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, ikkundannatu għal multa komplessiva fl-ammont elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

Inoltre, fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat, il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan għal perjodu ta’ tliet xhur mil-lum f’nofs il-lejl.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Muscat ipprezentat fis-16 ta’ Marzu, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata biex b'hekk tillibera lill-appellantminn kull imputazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi huwa minnu li il-Qorti tal-Appell ma' hijiex qedha hemm biex terga taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi kif tkun ghamlet I-Ewwel Qorti, izda meta dak l-apprezzament ikun sar minn

l-Ewwel Qorti b'mod skorrett imbaghad il-Qorti tal-Appell hija obligata li tissindika hi l-provi mill-gdid.

Illi l-esponenti jikkontendi b'umli rispett li l-Ewwel Qorti kienet manifestament skorretta fl-apprezzament taghha ghaliex tat hafna piz ghall-prova cirkostanzjali tal-iskizz redatt mill-pulizija li kien jindika il-mod kif spiccaw il-vetturi wara l-habta.

Illi b'rispett huwa risaput li l-affidibilita tal-iskizzi hija wahda dibattibli ferm u ferm u ghalhekk, rinfaccjata bil-verzjoni moghtija minn l-esponenti kien ferm u ferm sorprendenti kif l-Ewwel Qorti sa bet htija fl-appellant.

Illi mhux biss, izda t-tezi tal-appellant tkompli tissahhah minhabba fil-mod zbalordit li bih xehdet il-parte civile anke meta sarula xi domandi fuq l-istess skizz u anke dwar id-dinamika tal-incident.

Illi l-komportament tal-parte civile mqabbel ma' dak tal-imputat kien wiehed negattiv ghal l-ahhar da parti tal-imsemmija Nikita Farrugia.

Illi l-kwistjoni tkompli tiggrava meta wiehed jiftakar li d-difiza trid tilhaq biss il-grad tal-probabli kuntrarjament ghal grad ta' prova aktar elevat tal-prosekuzzjoni.

Illi fil-fatt irrizulta li mhux minnu li l-esponenti hareg minn triq sekondarja, izda huwa kien qed isuq tul 'main road' gewwa Sir Temi Zammit fl-Imgarr u kien ser jibda biex idur ghal lemin tieghu fi Triq il-Fuhhar, meta l-parte civile li kienet gejja minn wara tieghu bi speed eccessiv, biex tevitah gibdet ghal naha minnhom, tilfet il-kontroll tal-vettura u baqghet diehla go faccata ta' dar.

Illi ghalhekk altru milli kellhom jirrizultaw l-akkuzi kif sfortunatament sabet l-Ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi minn analizi tal-provi prodotti jirrizulta ampjament car li l-versjonijiet tal-partijiet huma kmpletament diversi. Il-vesjoni ta' l-appellant hi li hu kien qed isuq fi Triq Sir Temi Zammit u il-vettura tal-parte civile kienet warajh. Il-versjoni tal-parte civile hi fis-sens li hi kinet niezla fi

Triq Sir Temi Zammit meta l-vettura tal-appellant qatghet it-triq taghha ghaliex harget minn fuq 'stop sign' minn Triq il-Fuhhar l-Ahmar.

Illi l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xiehda tal-parte civile u l-iskizz li kien hejja s-surgent fuq il-post. L-analizi ta' dan l-iskizz frankament ma hu xejn konklussiv. Wiehed irid jistaqsi ghaliex l-parte civile spiccat fuq ix-xelluq tat-triq u baqghet diehel go dar. Ma hemm ebda dubju li l-velocita' tal-vettura misjuqa mill-parte civile kienet wahda qawwija ghal post fejn gara l-incident. Ma ninsewx li fejn gara l-incident hu pratikament il-'village core' fejn zgur mhemmx lok ghal sewqan ta' dik ix-xorta.

Illi hawnhekk, hemm zewg versjonijiet u minn analizi tax-xiehda din il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni mogghtija mill-appellant hi aktar kredibbli. Dan qed jinghad tenut kont tal-iskizz li fil-fehma ta' din il-Qorti ma jaghti ebda hjiel fuq kif gara l-incident ghajr li l-vettura tal-parte civile baqghet diehla go bini u sofriet danni sostanzjali 'beyond economical repair'.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell ta' Carmel Muscat. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.